MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Numru 448/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Matthew Agius ta’ 17 il-sena iben Hugh u Elaine nee` Grech imwieled Zabbar nhar l-1 ta’ April, 1992, detentur tal-karta tal-identia bin-numru 185192M u residenti Marine Court Block B Flat 8, Triq il-Gardiel, Marsaskala**

**U**

**Dennis Schwienbacher ta’ 16 il-sena iben Stefan u Louise nee` Mifsud, imwieled Zabbar nhar is-27 ta’ Novembru 19925, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 563192M u residenti 13, Spring Valley Court B, Flat 1, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra imputati Matthew Agius u Dennis Schwienbacher u cioe' talli nhar it-28 ta' April, 2009, ghall-habta ta' bejn it-15:00hrs u l-16:30hrs gewwa is-Sun City Cinema li jinsab fi Triq Tal-Gardiel Marsaskala volontarjament tghaw in-nar lil materjal li jaqbad gewwa bini li kien qieghed b'mod li jista' jqabbad bini iehor izda waqt in-nar ma kien hemm l-ebda persuna gewwa il-bini u dak in-nar ma qabbadx dak il-bini jew bini iehor;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli u cioe ghamlu hara f'diversi oggetti u materjal iehor, liema hsarat huma ta' aktar minn 1164.59 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Joseph Portelli u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' erbgha speakers ghad-detriment ta' Joseph Portelli u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bl-amnmont, liema ammont ma jaccedix is-somma ta' 2329.40 Euros (LM1000).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputati, l-eta tenera taghhom u il-fatt illi iddispjacihom ghal dak illi ghamlu.  Il-Qorti madanakollu twissi lill-imputati illi l-agir taghhom seta kellu konsegwenzi aktar

serji u ghalhekk jekk dawn l-azzjonijiet jirrepetu ruhhom il-Qorti mhux sejra tkun klementi maghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 317 328 (d), 261(b)(c), 263, 267 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputatati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

Finalment il-Qort tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------